MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 12/2010

**Compleet IS Services Limited**

**Vs**

**N.M. Superstores Limited**

Permezz ta’ rikors prezentat fid-29 ta’ Settembru 2010 is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ta’ sebat elef sebgha mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€7,745.63), rapprezentanti prezz ghall-bejgh u konsenja ta’ kompjuter hardware.

Is-socjeta konvenuta ma wegbitx u hadd ma deher fl-interess taghha.

Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici kkonferma li:-

a. Il-hlas hu dovut mal-bejgh u konsenja ta’ kompjuter hardware.

b. Id-dati li jidhru fir-rendikont a fol. 3 huma d-dati tal-konsenji. Il-klijent ghandu 30 gurnata credit fuq kull invoice.
c. Il-Gimgha 7 ta’ Jannar 2011 inghata cekk ta’ elf ewro (€1,000) bhala hlas akkont, u li gie depozitat. Ikkonferma wkoll li sal-lum ghad m’ghandux *clearance* mill-bank.

**Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ sebat elef sebgha mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€7,745.63), b’dan li jekk ic-cekk li gie depozitat fis-7 ta’ Jannar 2011 jigi onorat il-hlas ghandu jkun ta’ sitt elef sebgha mija u hamsa u erbghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€6,745.63).**

**Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta u bl-imghax li ghandu jiddekorri fuq kull invoice b’effett minn tletin (30) gurnata wara d-data ta’ kull invoice kif riprodotti fir-rendikont a fol. 3. B’dan li spejjez relatati mad-digriet tat-22 ta’ Dicembru 2010 u rijappuntament tal-kawza jibqghu a karigu tas-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------